# DUN LUDOVICO MIFSUD TOMMASI

Ludovico Mifsud Tommasi twieled f'Bormla aktarx fl-1795, u ggradwa mill-Università Rjali ta' Malta bħala duttur tat-Teoloġija. Sar qassis u beda jgħallem fis-seminarju ta' l-Imdina. Meta s-seminarju ġie trasferit għal San Kalċedonju, il-Furjana, huwa ssokta bit-tagħlim tiegħu f'din l-istituzzjoni tal-Knisja.

It-tagħlim kien għal qalbu ħafna. Fl-1834 Dun Ludovico qala' s-setgħa li jiftaħ skola fid-dar tiegħu, 91, Strada Levante, il-Belt. Huwa kien jgħallem lill-istudenti tiegħu l-ilsna, il-Filosofija, ix-Xjenza u l-Letteratura. Wara xi żmien, Dun Ludovico mar joqgħod Bormla u hemm kompla jgħallem fl-iskola tiegħu stess, aktarx fi Triq Santa Marija.



Fil-ħajja tiegħu bħala qassis huwa sar Kanonku fil-Kolleġġjata ta' Bormla. Iżda l-Isqof Pace Forno għażlu Kanonku tal-Katedral, jiġifieri sar Monsinjur. Il-qalb ta' dan il-qassis kienet tħoss għal ħutu nsara Maltin u ħaseb biex jikteb kwantità kbira ta' talb bil-Malti.

Aħna nafu li dak iż-żmien il-quddiesa kienet issir bil-Latin u l-priedki bit-Taljan. Dawn il-lingwi kienu jifhmuhom in-nies ta' l-iskola. Iżda l-kumplament tal-poplu Malti li kien kollu nisrani ma kien jifhem xejn.

Iżda huma sabu benefattur kbir f'dan il-qassis li kiteb sensiela twila ta' kurunelli bil-Malti. Huwa kien jagħmel daqs 500 jew 700 kopja, iħallas għalihom minn butu u jqassamhom aktarx b'xejn lid-devoti.

Fil-Ktieb: Il-Poeżija sa l-1870, stampat mill-Università Rjali ta' Malta, 1964 u fl-ewwel ktieb tiegħu: Kitba u Kittieba tal-Malti, is-Sur Ġużè Cassar Pullicino jgħid hekk: "F'idejn Mifsud Tommasi l-kurunelli bħala forma letterarja laħqet l-ogħla tifsira ta' talb u tifħir 'l Alla u 'l qaddisin. Ħadd daqsu, la qablu u la fi żmienu u lanqas warajh, ma niseġ tifħir tista' tgħid lill-qaddisin kollha li huma meqjumin hawn Malta; ħadd bħalu ma għaraf ilaqqa' l-vers mexxej, b'taqbil ħafif, ma' tifsir għoli ta' twemmin u veritajiet tal-fidi; ħadd ħliefu ma ta lill-kotra daqshekk tagħlim reliġjuż b'mod l-aktar sempliċi biex kulħadd jiftakru malajr. Sa fi żmienna ma tiftaħx ktieb tal-Knisja bil-Malti li ma taqrax ħafna versi ta' talb u kurunelli meħudin mill-kitbiet tiegħu."

Il-qalb sabiħa ta' Dun Ludovico Mifsud Tommasi kienet tħeġġeġ mhux biss biex tagħti tagħlim lill-insara Maltin, iżda kienet lesta wkoll turi l-imħabba tagħha għal saċerdoti oħra. Fl-1824, huwa kiteb poeżija għall-ewwel quddiesa ta' wieħed qassis u fl-1831, ħareġ ktieb ta' sunetti b'tifħir lill-Isqof Caruana.

L-imħabba għall-Knisja ta' Ġesù, Dun Ludovico wrieha fil-paneġierku li għamel għall-festa ta' San Pawl, il-Belt u ppubblikah fl-1834. Iżda jekk tkellem fuq kollox, tkellem ukoll fuq Ġesù Ewkaristija; ma setax ma jħossx, iktar u iktar bħala qassis, meta f'dak iż-żmien mill-Knisja ta' Santa Tereża ta' Bormla, insteraq il-Pissidi bl-Ostji Konsagrati. Dun Ludovico ħareġ ktieb żgħir fuq din is-serqa sagrileġa fl-1837.

Meta kiber, Dun Ludovico tilef id-dawl ta' għajnejh għal kollox; imma baqa' jikteb il-poeżija bil-Malti f'"Il-Ħabbar Malti".

Dun Ludovico Mifsud Tommasi ħass il-ħtieġa li jiġbor fi ktieb ieħor il-poeżiji l-oħra tiegħu u jsemmih: Il-Għana tan-nisrani. Dan il-ktieb ma ħariġx. Iżda s-Sur Cassar Pullicino fil-ktieb li diġa ħadna minnu iktar 'l fuq igħid li hu għandu l-manuskritt ta' dan il-ktieb u fih hemm **Twissija** għall-bidu tiegħu miktuba minn Dun Ludovico. Fiha aħna naraw li dan il-qassis f'moħħu kellu dejjem li jgħallem it-tagħlim nisrani eżatt b'mod ħafif lill-insara Maltin: "Minn żmien ilu ħejjejt dil-ħidma wisq mixtieqa u mitluba minn bosta. Il-kif kelli noħroġha miktuba żammni bosta ma xandarthiex. Iżda fl-aħħar għedt hekk: 'Kif inqraw il-kurunelli tal-qaddisin, li xerridt mn'issa lura, u m'hemmx ftit, hekk għandu jinqara dal-ktieb minni magħmul mhux għall-għorrief tad-dinja iżda għal min ma jafx b'ilsna barra mill-Malti u jixtieq jitgħallem iħobb 'l Alla, għerf ta' bla tarf. Fih kemm stajt fissirt it-talb li bih tordna nitolbu l-Knisja Ommna, u fissirtu bit-taqbil biex aħjar jinżamm fil-moħħ, u biex, imħolli l-għana fieragħ, li jinstama' fil-btala u fix-xogħol, l-Insara aktarx jitgħaxqu juru l-ġmiel ta' leħenhom mogħni bil-ġmiel tal-qdusija..."

Dun Ludovico Mifsud Tommasi miet fl-1879 fl-Imdina fl-età ta' 84 sena.